# San Pawl, San Publju u Sant'Agata, Patruni ta' Malta
## Adorazzjoni Ewkaristika
## Frar 2026

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija
O Ġesù, mudell tas-safa,
għajn il-qawwa f'kull martirju,
premju tal-appostli, l-verġni,
fi tjubitek isma' talbna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Bil-Appostli tirgħa l-merħla,
fl-art tmexxiha b'dawk li jaħkmu,
iddawwalha b'dija safja
u tbajjadha b'demm il-martri.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Għalhekk, Sid qaddis u għoli,
kollna ħrara lejk induru
biex inqimu lilek waħdek
bħalma huma fik biss temgħu.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Bit-talb tagħhom, Mulej twajjeb,
xerred fuqna l-maħfra tiegħek,
itfi fina n-nar tal-ħażen
bl-ilma ħaj min-nar tal-grazzja.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Glorja lilek, Kristu Sidna,
dawl tal-ġnus u feddej tagħhom;
mal-Missier u mal-Ispirtu,
ġieħ jintraddlek, issa w dejjem. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Wara li tgħaddi mill-bieb ewlieni tal-Imdina, jekk tħares lura tilmaħ skolpiti fis-swar tliet figuri: dik tal-Appostlu Missierna San Pawl, ta' San Publju u ta' Sant'Agata, il-qaddisin patruni li ta' Malta li missirijietna b'fidi u għaqal poġġew lilhom infushom u lil artna taħt il-protezzjoni tagħhom. Tliet qaddisin li ċċelebrajna jew se niċċelebraw it-tifkiriet u l-festi tagħhom f'dawn il-jiem. Tliet qaddisin li bħalna għexu jew rifsu fuq blat gżiritna. Tliet qaddisin li, skont tradizzjonijiet qawwija, ħarsu lil dil-blata tagħna mill-periklu. Tliet qaddisin li,

għalkemm forsi m'għandiex daqstant infittxuhom jew nitolbu lil Alla grazzji speċjali bl-interċessjoni tagħhom, żgur li għad għandhom kelma qawwija x'jgħidulna. L-azzjonijiet tagħhom u l-kliem jew is-skiet tagħhom għadhom jidwu sal-lum minkejja l-mijiet ta' snin li għaddew. U, anke jekk tlifna l-fiduċja fil-mirakli, żgur li l-għażliet konkreti u konvinti tagħhom jistgħu llum ukoll jeħilsuna mid-dlamijiet ta' dak kolli li ijassarna u jnawwar il-fidi u l-identità tagħna.
Għaldaqstant, quddiem dak li għalih taw ħajjithom saħansitra sat-tixrid ta' demmhom f'xi waqtiet, ejjew nitolbuhom jiġu ħdejna u jpoġġu magħna quddiem is-Sid tas-sema u l-art, u jgħallmuna biex magħhom inqimuh kif jistħoqqlu u jixtieq li jkun meqjum u maħbub.

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Atti tal-Appostli** (28, 1-2a. 7-10)
Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta. In-nies tagħha ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha. F'dawk l-inħawi kien hemm l-oqsma tal-prinċep tal-gżira, li kien jismu Publju. Dan laqagħna u bil-qalb kollha żammna għandu tlitt ijiem. Missier Publju inzerta mixħut, marid bid-deni u bid-disenterija. Pawlu daħal ħdejh, għamel talba, qiegħed idejh fuqu u fejqu. Wara dan imbagħad bdew ukoll jersqu għandu l-morda l-oħra tal-gżira, u hu fejjaqhom. Urewna ġieħ kbir, u meta ġejna biex nitilqu, għabbew fuq il-ġifen kull ma konna neħtieġu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. *Tifħir lilek, Kristu*

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Mulej Ġesù, bħalma d-dehra fi triqtu lejn Damasku ċekknet il-kburija għamja ta' Pawlu u minn persekutur għamiltu appostlu tal-ġnus, hekk ukoll, wara l-laqgħa tiegħu ma' Pawlu, Publju ma baqax jara biss li dawk li kienu jgħammru fi gżiritna—nies minn kull poplu u ġens bħal kull gżira portwali oħra—ikunu mħarsa fiż-żgur, imma fittex li l-poplu jibni daru fuq il-blata vera, li hi Kristu. Mhux ta' b'xejn li l-liturġija xxebbah lil San Publju mal-bniedem għaqli tal-parabbola li bena daru fuq il-blat (ara l-Antifona tal-Kantiku ta' Marija). U dan għaliex "bil-qalb kollha laqa' għandu lil Pawlu u 'l sħabu wara li ħelsu mill-għarqa, u ferraħ lil kulħadd bir-rebħa tal-fidi ta' Kristu f'Malta"—ir-rebħa tal-fidi tiegħek, tal-fidi tagħna fik.
Illum nikkalkulaw ir-rebħiet u s-suċċessi skont il-voti u s-surveys, jew bil-kejl tal-vjolenza u tal-qawwa militari. Imma, Mulej, ir-rebħa tiegħek fuq id-dnub u l-mewt seħħet billi ħadt fuqek il-piż tad-dnub u bih ġarrabt il-mewt, u mill-mewt għaddejt għall-ħajja. Hekk ukoll, aħna li qed ngħixu tant sekli wara dawn il-

ġrajjiet li ffurmawna bħala familja ta' bnedmin b'identità li żżommna sodi flimkien, jeħtieġ li tassew nemmnu dak li l-Ispirtu Qaddis tiegħek nebbaħ lil Ġwanni jikteb fl-Ewwel Ittra tiegħu: "kull min hu mwieled minn Alla jegħleb lid-dinja. Din hi r-rebħa fuq id-dinja: il-fidi tagħna. Għax min hu dak li jegħleb lid-dinja, jekk mhux min jemmen li Ġesù hu l-Iben ta' Alla?" (1 Ġw 5, 4-5). Jegħleb id-dinja jiġifieri jiksibha għalik. Bil-fidi fik—anke jekk dgħajfa jew ċkejkna daqs żerriegħa tal-mustarda—inti tridna niksbu mill-ġdid id-dinja għalik sabiex id-dinja tkun is-Saltna tiegħek fejn, fil-qalba stess tad-dinja, tkun magħmula r-rieda tiegħek kif fis-sema hekkda fl-art.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Mulej Ġesù, kull meta, jew b'mod ġenwin jew bil-kburija tal-preġudizzji u r-razziżmu, nilmentaw dwar xi sitwazzjonijiet jew sfidi konkreti, fakkarna li t-tweġiba tassew Nisranija hija dik tas-Salib. Kif għamilt int fuq is-salib, jeħtieġ nifthu jdejna biex inħaddnu l-umanità. Bħal Pawlu, jeħtieġ inżommu l-fjamma tal-fidi taqbad, anke jekk insibu ruħna taħt l-attakki tal-lifgħa tal-ħażin. Bħal Publju, jeħtieġ li ma nwebbsux qlubna għal kull min, għal raġuni jew oħra, inqisuh barrani. Jeħtieġ li nifthu qalbna beraħ għall-grazzja tiegħek li tfejjaq dak li qed jeqirdilna saħħitna—fiżikament, mentalment, u spiritwalment. Jeħtieġ inħalluk tfakkarna mill-ġdid f'dak li verament jagħmilna Maltin, f'dak li jagħtina din l-identità: il-ħlewwa u l-għaqda li bihom inħossuna f'darna ma' xulxin; id-dawl ħlejju tal-fidi li dawwal l-iljieli mudlama u l-ġranet imċajpra tal-mixja tagħna bħala ġens matul is-snin; il-ġebel, is-sagħtar, is-salmura u l-blat li fihom din il-fidi fik ġiet miżrugħa, kibret bla ma nixfu għeruqha, u tat il-frott ... u tista' tibqa' tagħti l-frott kemm-il darba ma nkunux aħna stess li narmu dan kollu biex mill-ġdid inħaddnu l-idoli tal-allat foloz ... allat li, jekk fi żmien Publju u Pawlu kellhom ismijiet u mitoloġiji, illum għandhom il-forma tal-flus, tal-kumdità żejda li tħassar, tax-xalar u t-tpaxxija bla rażan, u tal-egoiżmu. Agħmel li ma nsibuhx ruħna naqdu lilna nfusna u nistennew li kollox idur magħna u mad-dinja ċkejkna tagħna flok nagħrfu li huwa inti x-Xemx vera tal-ġustizzja li jeħtieġ induru lejk biex niksbu d-dawl, u jkollna wkoll il-qawwa nduru ma' dawk li fuqhom jistrieħ id-dell ħanin tiegħek.

## Innu Ewkaristiku

Mulej Ġesù, flimkien max-xhieda ta' Pawlu u Publju, inti toffrilna x-xhieda ta' Sant'Agata. Jingħad li għal xi żmien Agata u sħabha sabu kenn fi gżiritna wara li ħarbu minn Sqallija minħabba l-persekuzzjoni. Imma, bħal Pawlu li kompla l-vjaġġ lejn Ruma, lanqas Agata ma weħlet hawn imma marret lura Sqallija u ma ħarbitx milli toffri s-sagrifiċċju aħħari tal-ħajja żagħżugħa tagħha, basta tħares is-safa ta' ġisimha u l-imħabba ta' qalbha tbaqbaq għalik. Fakkarna mill-ġdid f'din il-virtù tas-safa, Mulej, għax ta' spiss tiġi mċajpra bil-ġibdiet tad-dinja, u inti stess

għedtilna li dawk li huma safjin f'qalbhom li se jaraw il-ġmiel bla qies ta' wiċċek. Għalhekk, Mulej, nixtiequ nagħmlu tagħna talba li l-Knisja tpoġġi din it-talba fuq fomm dil-verġni u martri: "Niżżik ħajr, Mulej Ġesù Kristu, mgħallem tajjeb, għax tajtni r-rebħa fuq tbatijieti u fuq dawk li ħaqruni; agħtini issa, Mulej, il-ferħ tal-glorja tiegħek li qatt ma tintemm." Ejjew f'dan l-istess spirtu, aħna wkoll nagħmlu l-istess talba lill-Mulej, preżenti u ħaj fostna, u, minn idejn Pawlu, Publju, u l-istess Agata, nitolbuh jilqa' t-tnehid ta' qalbna.

- Għat-talb li dawn il-patruni ta' gżiritna jagħmlu għalina, seddaq il-Knisja li hi hawn f'Malta bix-xhieda, il-qadi u l-imħabba tagħna għalik u għal ħutna. Nitolbu.
- Mexxi fuq l-istess passi tal-qaddis prinċep ta' Malta lill-mexxeja politiċi, dawk li jaħdmu fiċ-ċivil, u l-forzi tal-ordni, sabiex jimxu b'mogħdrija u ġustizzja fid-deċiżjonijiet tagħhom, u jagħtu l-valur li jistħoqqlu l-wirt Nisrani tal-poplu tagħna. Nitolbu.
- Ħares bi tjieba s-safa taċ-ċkejknin u agħti rieda soda liż-żgħażagħ tagħna, l-istess kif qawwejt u ħarist lix-xebba Sant'Agata fis-siegħa tal-prova. Nitolbu.
- Imqanqlin mit-tħabbrik ta' Pawlu, kompli sejjaħ minn fostna rgħajja qalbiena u missjunarji li ma jehdewx iħabbru l-aħbar it-tajba tiegħek li fiha biss tinsab it-triq għall-ħajja ta' dejjem. Nitolbu.
- Kebbes bl-imħabba għalik lil dawk li, bħal Sant'Agata, qed issejħilhom biex jiddedikaw lilhom infushom kompletament lilek, l-iktar f'ħajja reliġjuża u kkonsagrata. Nitolbu.
- Bħalma għamejt bid-dija tal-ġmiel tiegħek u, permezz ta' Ħananija ftaħtlu għajnejh mill-ġdid, mixgħulin issa mid-dawl tal-fidi fik, hekk ukoll iddi fuq dawk li d-dubji, is-suppervja, jew il-konvinzjonijiet tagħhom qed iżommuhom 'il bogħod minnek. Nitolbu.
- Sieħeb ma' Ommok Marija u l-qaddisin lil ħutna l-mejtin kollha. Nitolbu.

Mexxej tal-ġnus u Għarus tal-verġni, ilqa' talbna u, kif f'sekli mbiegħda dawn ħutna l-kbar dehru fuq is-swar tagħna biex iħarsuna mit-theddid tal-għadu, hekk ukoll illum jieqfu fuq il-bibien miftuħa biex fuq kull min jidħol jew joħroġ tinżel il-barka tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali